MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Numru. 471/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**

**ILLUM 18 TA' MARZU, 2008**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANZJAN ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**CARMELO CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmelo Caruana ta' 63 sena, iben il-mejjet John Baptist u Margaret De Giovanni, imwieled Rahal Gdid fil-4 ta' Marzu, 1944 u residenti fl-indirizz numru 8, 'St. Joseph', Triq Sant' Elija, x-Xghajra, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 212044M.

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-gar tieghu Anthony Scerri mix-Xghajra f'periklu car, hebb ghalih u tah b'diversi daqqiet bil-ponn kif ukoll daqqiet b'oggett iebes u bil-ponta (bicca maduma mkissra u bil-ponta), fejn ikkagunalu hsara fil-gisem tieghu u cioe' diversi feriti ta' natura gravi f'wiccu u fi drieghu tax-xellug, skond ma ccertifika Dr.Andrew Spina MD., mid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa, liema feriti jistghu igibu sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta'l-imsemmi Anthony Scerri;

2. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kiser vjolentament
il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Il-mertu ta' dan il-kaz jittratta incident li nqala' bejn l-imputat u certu Anthony Scerri. Jirrizulta li dawn gew fl-idejn fuq diverbju shun li qam bejniethom, u Scerri safa'

ferut b'oggett mizmum f'idejn l-imputat. Mill-provi prodotti l-imputat ghandu jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, izda fil-verita' l-griehi sofferti minn Scerri ma kienux jammontaw ghal sfregju ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi, izda ghal feriti gravi skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 216 tal-Kap 9.

Ghall-finijiet ta' piena, in vista tal-fedina penali netta tal-imputat, u in vista lid an l-incident kien aktar wiehed minn dawk li solitament jinstemghu fil-kawzi tad-distrett, ghandu jkun hemm ftit mitigazzjoni fil-piena flimkien ma' kontroll minimu fuqu, skond id-disposizzjonijiet tal-liberazzjoni kundizzjonata ai termini tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216(1) (a) (iii), 216 (1) (b), 217, 338 (dd), 339(1)(b), 339 (1) (d) , 339 (e), 383, 384, 386, 412C, 17, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati u ghaldaqstant qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat ihor fi zmien sena' mil-llum u dan ai terminu tal-Artiklu 22 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------